**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta 3 ta' Mejju, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 56/2012JVC**

**Mario Parnis**

**Vs**

**Ivan Farrugia**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta:-

1. Illi huwa ezercenti l-kummerc taht l-isem "Parnis Woodworks";

2. Illi huwa hadem fuq talba u struzzjonijiet tal-intimat ghamara u affarijiet ohra ancillari ghall-fond tieghu bl-isem "Benz", Triq San Pawl, Munxar, Ghawdex u dan skont ma jirrizulta mill-invoice hawn annessa u markata bhala "**Dokument A**";

3. Illi l-valur tax-xoghol kollu maghmul mill-esponenti fl-interess tal-intimat lahhaq total ta' dsatax-il elf erba' mija u wiehed u hamsin Euro u tnax-il centezmu (€19,451.12) skont kif spjegat dettaljatament fuq l-istess *invoice*;

4. Illi minn dan l-ammont l-esponenti rcieva hlas ta' hamest elef Euro (€5,000) fis-sittax (16) ta' Gunju, 2010 permezz tac-cekk tal-Banif Bank numru 137818;

5. Illi ghalhekk jonqos x'jithallas bilanc ta' erbatax-il elf erba' mija u wiehed u hamsin Euro (€14,451) bhala hlas ghall-manifattura tal-ghamara u dan skont ma jirrizulta mill-istatement of account hawn annessa u markat bhala "**Dokument B";**

6. Illi minkejja li l-intimat kien interpellat kemm b'mod verbali kif wkoll permezz ta' ittra interpellatorja datata sbatax (17) ta' Marzu 2011 (Kopja annessa bhala **Dokument C**" kif wkoll permezz ta' ittra ufficjali numru 476/2011 prezentata fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) (Kopja annessa bhala **Dokument D**) huwa baqa' nadempjenti;

7. Illi in oltre l-esponenti kera lill-intimat diversi mmobbli ghall-uzu tieghu, precizament: (i) garaxx li jigi soprastanti l-fond ta' Parnis Woodworks, fi Triq Ras il-Bajjad, Munxar, Ghawdex u dan mill-ewwel (1) ta' Jannar 2004 sal-wiehed u tletin (31) ta' Marzu 2011, total ta' elf disa' mija u hmistax (1,915)–il gurnata; (ii) garaxx bin-numru sebgha u tletin (37), Triq San Pawl, Munxar, Ghawdex sabiex jitpogga jet ski u dan mill-ewwel (1) ta' Jannar 2005 sal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 2008, total ta' elf u hamsa u disghin gurnata (1,095); (iii) appartament internament markat bin-numru tlieta (3) formanti parti mill-fond ufficjalment markat bin-numru sebgha u erbghin (47) fi Triq San Xmun, Xlendi, Ghawdex ghall-mija u hamest (105) ijiem matul is-sena elfejn u hamsa (2005);

8. Illi x'hin wiehed jikkalkula l-valur tal-kirjiet koncessi lill-intimat fid-dawl tar-rati ta' kirjiet vigenti dak iz-zmien, isib li l-valur totali tal-kirjiet jammonta ghal tnax-il elf hames mija u tlettax-il euro u disghin euro centezmu (€12,513,90). Ghall-garaxxijiet giet applikata rata ta' tliet Euro (€3) kuljum filwaqt li ghall-appartament giet applikata rata ta' hmistax-il Euro (€15) kuljum u dan dejjem fid-dawl ta' kemm kienu jinkrew fondi simili fis-snin indikati fil-paragrafu precedenti;

9. Illi barra minn hekk huwa wkoll dovut lill-esponenti l-ammont ta' mija u erba' Euro (€104) rappezentanti valur ta' *crash helmet* li gie misluf mill-esponenti lill-intimat, liema *crash helmet* baqa' qatt ma gie ritornat lill-esponenti;

10. Illi ghalhekk l-ammont dovut ghall-kirjiet kif wkoll ghall-crash helmet inkluz il-VAT ammonta ghal tnax-il elf sitt mija u sitta u tletin Euro u tnejn u sittin Euro centezmi (€12,636.62) u dan skont ma jirrizulta mill-invoice hawn annessa u markata bhala "**Dokument E**";

11. Illi l-partijiet kienu ftehmu li ghall-uzu ta' dawn l-immobbli l-intimat ma kellux ihallas fi flus kontanti izda minflok kellu joffri oggetti jew jippresta servizzi f'ammont ekwivalenti ghall-valur tal-kirjiet. L-intimat fil-fatt (a) ipprovda karozza Mercedes ghall-valur ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin Euro (€3,494), liema vettura pero' ghadha sal-lum ma tistax tigi wzata mill-esponenti ghaliex l-intimat naqas li jipprovdi l-*log book* u d-dokumentazzjoni kollha necessarja biex din il-vettura tigi registrata; (b) hallas lill-esponenti vjagg ghall-Cervinia, l-Italja fl-ammont ta' elf mija u erbgha u sittin Euro (€1,164); (c) ghamel xoghol ta' mechanic ammontanti ghal elf tliet mija u hdax-il Euro (€1,311), total b'kollox ta' hamest elef disa' mija u disgha u sittin Euro (€5,969);

12. Illi l-valur tal-oggetti u servizzi prestati mill-intimat huwa ferm anqas mill-valur tal-kirjiet koncessi mill-esponenti u ghaldaqstant l-intimat jonqsu jhallas lill-esponenti bilanc ta' sitt elef sitt mija u sebgha u sittin Euro u tnejn u sittin Euro centezmi (€6,667.62);

13. Illi minkejja li l-intimat kien interpellat jersaq ghall-hlas tal-ammont dovut minnu, anke permezz ta' ittra ufficjali numru 475/2011 prezentata fil-hdax (11) ta' Lulju 2011 huwa baqa' inadempjenti (**Dokument F**);

14. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess anke jekk ghall-pura grazzja tal-argument jirrizulta li ma kien hemm l-ebda ftehim formali ta' kera, l-esponenti ghandu jigi kumpensat minghand l-intimat ghall-uzu li l-istess intimat ghamel tal-fondi ndikati ghaz-zminijiet indikati. Dan ghar-raguni li fl-ebda hin il-partijiet ma ftehmu li ma kellux ikun hemm kumpens ghal tali uzu; anzi l-partijiet kienu ftehmu li l-intimat kellu jipprovdi in kontrakambju oggetti u servizzi ekwivalenti ghall-valur tal-kirjiet. Altrimenti l-intimat ikun arrekixxa ruhu a detriment tal-istess rikorrent;

15. Illi fic-cirkostanzi l-esponenti jemmen li r-rata ta' kumpens gust ghall-uzu tal-imsemmija garaxxijiet m'ghandhiex tkun anqas minn tlett Euro (€3) kuljum ghal kull garaxx filwaqt li fir-rigward tal-appartament ir-rata ta' kumpens m'ghandhiex tkun anqas minn hmistax-il Euro (€15) ghal kull gurnata li l-intimat dam fil-pussess tal-appartament;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

i. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lir-rikorrent l-ammont ta' erbatax-il elf erba' mija u wiehed u hamsin Euro (€14,451) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut minnu lir-rikorrent ghall-manifattura tax-xoghol ta' ghamara u affarijiet ohra ancillari maghmula fuq inkarigu u struzzjonijiet tieghu stess, bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ittra ufficjali numru 476/2011 datata hdax (11) ta' Lulju 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

ii. Tikkundannah ihallas l-ammont ta' sitt elef sitt mija u sebgha u sittin Euro u tnejn u sittin centezmi (€6,667.62) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut minnu ghall-kirjiet tal-immobbli maghmula lilu kif wkoll valur ta' crash helmet li baqa' ma giex ritornat minnu, bl-interssi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ittra ufficjali numru 475/2011 datata hdax (11) ta' Lulju 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

iii. Alternattivament u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-tieni talba tar-rikorrent tiddikjara li hu tenut ihallas lir-rikorrent kumpens gust u xieraq ghall-uzu u l-okkupazzjoni da parti tieghu tal-garaxxijiet u appartamenti fuq deskritti ghall-perijodi ndikati fl-istess rikors guramentat;

iv. Tillikwida tali kumpens;

v. Tikkundannah ihallas lir-rikorrent l-ammont hekk likwidat bl-interessi bir-rata' ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa gia' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Ivan Farrugia li eccepixxa:

1. Illi t-talbiet atttrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

2. Illi qabel xejn, u fuq punt ta' ordni pubbliku, l-esponenti jirrileva li l-hekk imsejha "invoice" li fuqha l-attur qed jibbaza t-talbiet tieghu hija nammissibbli bhala prova anki dokumentarja, stante li hija biss "pro forma invoice" li suppost tirreferi ghal xoghol li allegatament ilu li twettaq snin shah. F'cirkustanzi bhal dawn, il-ligijiet fiskali tal-pajjiz jirrikjedu li tkun inharget invoice fiskali u mhux semplici "pro forma invoice". L-esponenti ghaldaqstant jissottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tissoprassjedi fuq is-smiegh ta' din il-kawza, tirreferi l-kaz lill-Kummissarju tal-VAT sabiex dan jinvestiga l-kaz u mbaghad tiddisponi mill-kaz skont ir-rizultanzi ta' dawk l-investigazzjonijiet.

3. Illi n-nuqqas tal-attur li johrog invoice fiskali ghax-xoghol mahdum minnu u kwindi jinkludi dak ix-xoghol fid-denunzja tal-VAT tieghu ghall-perjodi relattivi jolqot it-talba tieghu b'nullita assoluta minhabba ksur da parti tieghu ta' obbligi mpellanti ta' ligijiet fiskali ta' ordni pubbliku kif sejjer jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-fatt minnu nnifsu li l-attur naqas li jinkludi x-xoghlijiet li huwa allegatament wettaq fl-interess tal-esponenti fid-denunzji tal-VAT tieghu ghandu jitqies bhala prova *prima facie* u ammissjoni da parti tieghu li ma huwiex minnu li huwa wettaq dawk ix-xoghlijiet;

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, bhala fatt ma huwiex minnu li l-attur wettaq ix-xoghlijiet kollha li huwa qieghed issa jippretendi li wettaq, kif lanqas huwa minnu li l-ftehim bejn l-attur u l-esponenti kien fis-sens li l-attur kellu jithallas fi flus kontanti tax-xoghol li huwa wettaq;

6. Illi konsegwentement l-ammont li l-attur qed jitlob minghand l-esponenti huwa wiehed esagerat u ma huwiex dovut, kif sejjer jigi ppruvat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

7. Illi fil-verita', l-ammont, ferm inqas minn dak mitlub mill-attur, dovut mill-esponenti lill-istess attur, wara li jkunu tnaqqsu l-pagamenti akkont maghmula mill-esponenti lill-attur, ghandu jigi pacut ma' parti mill-ammont oghla dovut mill-attur lill-esponenti rapprezentanti valur ta' karrozza mibjugha u kkonsenjata lill-attur

u ammont iehor li l-esponenti hallas fl-interess tal-attur meta dan tal-ahhar siefer Cervinia mieghu b'mod li l-esponenti ma ghandu jhallas xejn lill-attur;

8. Illi fir-rigward tal-ammonti li l-attur qieghed jitlob in linja ta' hlas ta' kera, l-esponenti sejjer juri li l-attur beda javvanza dawn il-pretensjonijiet biss wara li l-esponenti rnexxilu juri lill-attur li t-talbiet tieghu ghall-hlas ta' xoghol ta' mastrudaxxa ma kienx dovut. Fil-verita', il-pretensjonijiet tal-attur f'dan ir-rigward huma biss montatura sabiex l-attur b'xi mod jipprova jirnexxilu jakkwista xi flus minghand l-esponenti.

9. Illi fir-rigward tal-kumpens mitlub mill-attur taht dan il-kap, l-esponenti jeccepixxi wkoll li t-talbiet kif formulati mill-attur huma kontradittorji ghal xulxin u jeskludu lil xulxin. L-attur ma jistax fl-istess nifs jiddikjara bil-gurament li huwa kera dawn it-tliet fondi lill-esponenti, u li jista' jaghti l-kaz li ma kienx jezisti kuntratt jew ftehim ta' kera bejn il-kontendenti imma xorta wahda jippretendi hlas ta' kumpens taht xi titolu iehor;

10. Illi ma huwiex minnu li l-esponenti kien jikri l-garaxx soprastanti l-fond ta' Parnis Woodworks, fi Triq Ras il-Bajjada, Munxar, u l-garaxx 37, Triq San Pawl, Munxar jew li huwa kien jokkupa dawk il-fondi jew xi wiehed minnhom minghand il-konvenut b'xi tip ta' ftehim li jimplika jew jinvolvi obbligu ta' pagament ta' kumpens da parti tieghu lill-attur;

11. Illi fir-rigward tat-talba ghall-hlas ta' kera jew xi kumpens iehor dwar il-fond 47, Triq San Xmun, Xlendi, l-esponenti jeccepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-artikolu 2156(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. Illi rigward il-crash helmet, l-esponenti jirrikonoxxi li huwa ghandu obbligu li jirritorna din il-crash helmet lill-attur, imma mhux li jhallsu taghha. Fil-fatt f'korrispondenza skambjata bejn il-kontendenti qabel il-kawza, l-esponenti kien offra lill-attur li jirritornalu din il-crash helmet, imma baqa' qatt ma rcieva risposta ghal dik l-offerta.

13. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ix-xhieda, affidavits u dokumentazzjoni kollha esebita:

Rat illi ghalkemm originarjament il-provi bdew jingabru limitatament ghall-eccezzjonijiet preliminari, fil-verbal tas-17 ta' Gunju, 2014 il-partijiet qablu li l-provi jingabru fuq il-mertu kollu tal-kawza;

Rat illi fil-verbal tat-2 ta' Dicembru, 2015 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-qosor il-fatti f'din il-kawza huma li l-partijiet lura fis-snin kienu saru hbieb sew ghalkemm l-attur huwa Ghawdxi filwaqt li l-konvenut huma Malti u fiz-zmien li saru hbieb il-konvenut kien ghadu jirrisjedi Malta u jitla' Ghawdex bhala villeggjatura ma' martu u l-familja tieghu. Illum il-gurnata s-sitwazzjoni tal-konvenut hija li huwa separat minn ma' martu u jghix Ghawdex. L-attur isostni li tul il-hbiberija taghom u tul ammont ta' snin huwa ntalab mill-konvenut sabiex jiehu hsieb it-twaqqiegh u bini tal-proprjeta' tal-konvenut fil-Munxar, fatt li mhux kontestat mill-konvenut. L-attur isostni li apparti li ha hsieb ix-xoghol ta' zvilupp billi kkommissjona diversi nies u hallas lill-istess terzi u konsegwentement thallas tal-ammonti sborsati minnu mill-istess konvenut, huwa gie wkoll inkarigat mill-konvenut sabiex jaghmel xoghol ta' manifattura ta' ghamara fil-fond proprjeta' tal-konvenut. L-attur isostni li l-valur tax-xoghol ta' njam li sar minnu jammonta ghal dsatax-il elf, erba' mija u wiehed u hamsin Euro u tnax-il centezmu (€19,451.12) u li minnhom il-konvenut hallas is-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) permezz ta' cekk. Il-konvenut ma jichadx li l-attur gie kommissjonat sabiex jaghmel ix-xoghol ta' njam izda jsostni li l-ammont mitlub huwa esagerat u li huwa hallas somma ferm akbar minn dik li qed isostni l-attur anki ghaliex skont il-konvenut huwa ghamel diversi pagamenti ohra permezz ta' cekkijiet kif ukoll ta' flus kontanti. L-attur jirribatti billi jsostni li l-ammonti l-ohra mhallsa kienu appuntu fuq ix-

xoghlijiet ta' terzi li l-attur kien inkarigat li jiehu hsieb u li kien hallas ghall-attur u gabar minghand l-istess attur.

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jippretendi wkoll hlas ta' kera ta' garaxxijiet u flat li skont hu gew mikrija lill-konvenut fuq perjodu ta' zmien. L-attur jammetti li qatt ma kien hemm ftehim formali ta' kera izda li skont hu l-ftehim kien li l-konvenut ihallas permezz ta' oggetti u xoghol ekwivalenti fosthom karozza. Il-konvenut jichad dan il-ftehim u jsostni li qatt ma kien hemm ftehim li kellha tithallas xi kera jew korrispettiv ghall-uzu ta' dawn il-proprjetajiet stante li skont hu, il-konvenut kien qed jaghmel uzu minn din il-proprjeta' minhabba l-hbiberija li kien hemm bejn il-partijiet u mhux bl-intiza li jkun hemm xi hlas. L-ammont pretiz mill-attur f'dan ir-rigward huwa kalkolu li ghamel l-istess attur abbazi ta' prezzijiet ta' kera ndikati minnu *ex parte* liema kera kif kalkolata minnu tammonta ghas-somma ta' tnax-il elf, hames mija u tlettax-il Euro u disghin centezmu (€12,513.90). Minn din is-somma l-attur naqqas il-valur ta' vettura konsenjata lilu ghas-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro (€3,494), is-somma ta' elf, mija u erbgha u sittin Euro (€1,164) valur ta' vjagg li hallaslu l-konvenut u valur ta' xoghol ta' 'mechanic' maghmul mill-konvenut ghas-somma ta' elf, tliet mija u hdax-il Euro (€1,311), total ta' hamest elef, disa' mija u disgha u sittin Euro (€5,969). Finalment l-attur qed jippretendi s-somma ta' mija u erba' Euro (€104) rapprezentanti valur ta' 'crash-helmet' li skonr l-attur giet mghoddija lill-konvenut u li ma gietx ritornata. Dwar din ta' l-ahhar il-konvenut isostni li huwa minn dejjem kien lest jirritorna l-istess 'crash helmet' u li fi kwalunkwe kaz il-valur moghti huwa esagerat.

**Eccezzjonijiet preliminari**

It-tieni, t-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-konvenut ilkoll jirrivolvu mal-ilment tal-konvenut li skond hu l-'pro-forma' invoices esebiti a fol. 8 u 9 u fol 13 u 14 ma jikwalifikawx bhala 'invoice fiskali' skont il-ligi u ghalhekk huma llegali u jitlob li din il-Qorti tissoprasjedi sakemm il-kaz jigi nvestigat mill-Kummissarju tal-VAT. Il-konvenut isostni wkoll li la darba l-attur ma dahhalx l-ammonti dovuti lilu fid-denunzja tal-vat tieghu dan jmur kontra l-ordni pubbliku u jikkostitwixxi kawza llecita u jgib in-nullita' tal-pretemsonijiet tal-attur. Skont il-konvenut ukoll il-fatt li x-xoghol li tieghu qed jintalab il-hlas ma ddahhalx fid-denunzji tal-vat

mill-attur huwa prova prima facie u ammissjoni mill-attur li x-xoghol ma sarx mill-attur.

Illi jirrizulta li fl-atti gew esebiti, konsegwentement ghall-ghoti ta' dawn l-eccezzjonijiet, dokumenti ohra hekk imsejha 'invoices' ghall-istess xoghol u pretensjonijiet ta' kera li minnhom giet eliminata l-indikazzjoni ta' kalkolu tal-vat izda din giet inkorporata mill-ewwel fl-ammonti tax-xoghlijiet tant li dawn jidhru li jvarjaw bejn id-dokumenti gia msemmija u dokumenti esebiti a fol. 31 u 32 tal-process ghalkemm l-ammont shih dovut jew ahjar pretiz mill-attur baqa' l-istess. Dan kollu gie spjegat u emfasizzat mill-istess attur fil-kontro-ezami tieghu a fol. 98 et seq tal-process. Giet ukoll esebita a fol. 39 tal-process kopja ta' ricevuta tal-vat datata 5 ta' Jannar, 2010. L-attur isostni li huwa ghadda din l-ircevuta lill-konvenut filwaqt li l-konvenut isostni li din qatt ma nghatat lilu. Fi kwalunkwe kaz izda l-partijiet jaqblu li dan il-pagament sar da parti tal-konvenut lill-attur. Meta l--konvenut allega li din l-ircevuta mihijiex genwina, l-attur ma giex ordnat li jesebixxi l-ktieb originali tal-ircevuti fiskali stante li wzufruwixxa mid-dritt tieghu li ma jaghmilx dan stante l-possibilita' li jinkrimina ruhu.

Din il-Qorti ma taqbilx mat-tliet eccezzjonijiet preliminari (it-tieni, it-tielet u r-raba') mqajma mill-konvenut ghas-semplici fatt li ma jistax jigi pretiz li l-attur jiddikjara dhul li huwa ghadu ma ghamilx. L-attur fil-fatt qed ifittex ghall-ammonti ndikati appuntu ghaliex ma thallasx u ghaldaqstant ma jistax wiehed jippretendi li l-attur jiddikjara dawn l-ammonti bhala dhul tieghu meta ghadu lanqas biss thallas taghhom u ghadu ncert jekk hux ser jithallas taghhom. Il-Qorti ma tara xejn hazin fid-dokumenti li permezz taghhom l-attur qed jindika l-ammonti dovuti lilu mill-konvenut specjalment in vista li jirrizulta li l-attur huwa 'self-employed' u ma jidhirx li ghandu xi struttura amminsitrattiva warajh li tiehu hsieb l-'accounts' tieghu. Ikun qed jonqos l-attur fil-mument li huwa jithallas u ma johrogx l-ircevuta tal-'vat' izda la darba ghadu ma thallasx il-Qorti ma tara l-ebda validita' ghall-ilmenti tal-konvenut fl-eccezzjonijiet imsemmija. Fir-rigward tal-ircevuta ta hamest elef Euro (€5,000) li giet esebita kopja taghha, ghalkemm din il-Qorti wkoll ghandha d-dubji taghha kemm verament din inharget fil-mument li qed jghid l-attur u li din inghatat lill-konvenut, jirrizulta li l-attur mhux qed jitlob il-hlas ta' dawn il-hamest elef Euro (€5,000) anzi qed jammetti li dawn gia thallsu w ghalhekk ma jirrizultax li dawn jiffurmaw parti mill-pretensjonijiet tal-attur. Il-validita' o meno tal-istess ircevuta ghalhekk

ma tinkombix fuq il-mertu tal-kawza odjerna u ma ghandhiex isservi ta' ostaklu sabiex dawn il-proceduri jitkomplew u jigu decizi.

Ghar-ragunijiet suespost, din il-Qorti ser tghaddi biex tichad it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu.

**Il-pretensjonijiet dwar hlas ta' kera jew alternattivament hlas ta' kumpens gust:**

Illi t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames talba tal-attur jirrivolvu lkoll mal-pretensjoni tal-attur li l-konvenut ghandu jhalsu xi ammonti fuq kiri jew uzu ta' fondi minnu tul medda ta' snin. Kif gia nghad is-somma pretiza mill-attur hija dik ta' sitt elef, sitt mija u sebgha u sittin Euro u tnejn u sittin centezmu (€6,667.62) bilanc minn somma akbar li izda minnha l-attur naqqas il-valur ta' Mercedes ikkonsenjata lilu mill-attur, il-vjagg li thallas ghall-attur mill-konvenut u x-xoghol ta' 'mechanic'. Ma jirrizultax li l-valuri moghtija lill-vettura cioe' dak ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro (€3,494), ghall-vjagg cioe' is-somma ta' elf, mija u erbgha u sittin Euro (€1,164) u x-xoghol ta' 'mechanic' ghall-valur ta' elf, tliet mija u hdax-il Euro (€1,311), total ta' hamest elef, disa' mija u disgha u sittin Euro (€5,969), huma kontestati b'xi mod mill-partijiet. Li huwa kontestat da parti tal-konvenut huwa li qatt ma kien hemm ftehim ta' hlas ta' kera ghall-uzu ta' dawn il-proprjetajiet u li l-konvenut kien qed jaghmel uzu minnhom semplicement abbazi tal-hbiberija li huwa kellu mal-attur u minghajr ebda ftehim ta' hlas.

Jirrizulta mill-provi migbura li l-proprjeta' in kwistjoni kienet tikkonsisti fil-flat fejn kien jirrisjedi l-istess attur u li ghal certu ammont ta' xhur gie wzat ukoll mill-konvenut u l-familja tieghu meta huma kienu jitilghu ghall-vaganza minn Malta fil-granet ta' vaganzi tat-tfal mill-iskola u fis-Sajf. F'dawn l-istess granet kien jibqa' jghix fl-istess post l-attur u kien anki jiekol mill-ikel li jaghmlu huma. Mart il-konvenut kienet tiehu hsieb l-indafa tal-appartament in kwistjoni. Dwar il-pretensjonijiet fuq il-kera tal-garaxxijiet irrizulta mill-provi li l-attur baqa' jzomm ic-cwievet tal-garaxxijiet in kwistjoni u li huwa seta' jaccedi liberament ghalihom tul iz-zmien li kien jaghmel uzu minnhom anki l-konvenut. Iz-zewg partijiet jaqblu fix-xhieda taghhom li qatt ma kien hemm ftehim ta' hlas ta' kera ghal dawn il-fondi. L-attur izda jsostni li l-ftehim kien li l-konvenut kellu joffri oggetti jew jippresta servizzi f'ammont

ekwivalenti ghall-valur tal-kirjiet. Huwa ghal din ir-raguni li l-attur qed isostni li l-valur tal-vettura Mercedes, il-vjagg imhallas mill-konvenut u x-xoghol ta' 'mechanic' maghmul mill-konvenut huwa naqqashom mill-kera allegatament dovuta lilu. Il-konvenut isostni li qatt ma kien hemm dan it-tip ta' ftehim u li qatt ma kien hemm intendiment ta' xi hlas ghall-uzu minnu minn dawn il-proprjetajiet.

Illi l-Qorti, apparti d-diversi xhieda mressqa mill-attur u l-konvenut li huma konfliggenti bejniethom dwar x'kien verament l-intendiment dwar dawn il-proprjetajiet, jirrizultala li permezz ta' ittra legali datata 17 ta' Marzu, 2011 (fol. 10) l-attur interpella lill-konvenut sabiex ihallsu dak dovut lilu f'liema ittra gie ndikat biss il-bilanc dovut fuq xoghol ta' njam maghmul mill-attur fil-fond tal-konvenut. Imkien f'din l-ittra ma ssir referenza ghal xi pretensjonijiet tal-attur dwar hlas ta' kera. Wara din l-ittra jirrizulta li ntbaghtet korrispondenza elettronika mill-avukat tal-konvenut (fol. 27 tal-process) fejn jinghad li wara diskussjonijiet bejn il-partijiet irrizulta lill-konvenut li s-somma dovuta lill-attur kienet dik ta' sbatax-il elf, mija u tmienja u ghoxrin Euro (€17,128) u li wara li jitnaqqsu l-ammonti gia mhallsa, inkluz numru ta' cekkijiet, kien biss baqa' dovut lill-attur is-somma ta' elfejn, sitt mija u sebgha u sebghin Euro (€2,677). Imkien f'din il-korrispondenza ma tissemma' li waqt id-diskussjonijiet tqajmu xi pretensjonijiet dwar kera. Jirrizulta li l-ewwel darba li tqajmu l-pretensjonijiet dwar kera mill-attur kien fl-ittra ufficcjali datata 11 ta' Lulju, 2011 u cioe' wara li l-konvenut kien informa lill-attur li skont hu l-ammont li kien ghadu dovut kien biss dak ta' elfejn, sitt mija u sebgha u sebghin Euro (€2,677). Konsegwenza ta' dan din il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad ta' prova rikjest mil-ligi li sal-punt meta ntbaghtet l-ittra legali in kwistjoni u anki sa meta kienu ghadhom ghaddejjin id-diskussjonijiet bejn il-partijiet cioe' Gunju tas-sena 2011 l-attur ma kellu l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-konvenut ghal xi hlas ta' kera ghaliex altrimenti zgur li dawn kienu jitnizzlu fl-ittra nterpellatorja u jissemmew fid-diskussjonijiet. Jidher li l-pretensjoni ghall-hlas ta' kera mill-atturi qamet wara li l-konvenut beda jinkludi l-valur tal-vettura, il-hlas tal-vaganza, ix-xoghol ta' 'mechanic' u flus ohra mghoddija lill-attur bhala parti mill-pagamenti li saru fuq l-ghamara u allura bhala pika l-attur beda jvanta pretensjonijiet ta' kera jew kumpens ghall-uzu tal-proprjeta'. Din il-Qorti hija konvinta li originarjament meta l-proprjeta' bdiet tintuza mill-konvenut konguntivament mal-attur ma kien hemm l-ebda pretensjoni ta' xi hlas mill-konvenut da parti tal-attur u li dan kien qed isir abbazi tal-hbiberija li kien hemm bejn il-

partijiet minghajr pretensjoni ghal xi korrispettiv. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-konvenut, li ma gietx kontestata, li fil-mument li huwa ntalab inehhi l-oggetti tieghu mill-proprjeta' tal-attur dan ghamel hekk mill-ewwel b'tali mod li kkawza l-inqas inkonvenjent possibbli ghall-attur u dan fil-mument li l-hbiberija taghhom kienet spiccat.

Il-Qorti tinnota wkoll li tant l-attur stess mhux konvint mit-talbiet tieghu li ghalkemm fir-rikors guramentat huwa jsejhilhom fl-istess nifs hlas ta' kera jew kumpens (li gia jikkontraddixu lil xulxin) illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu f'daqqa wahda l-attur isejjah dawn il-pretensjonijiet tieghu bhala servigi rezi u jibbaza l-pretensjonijiet tieghu abbazi ta' servigi.

In vista tas-suespost, il-Qorti tqis li l-uzu tal-immobbli in kwistjoni da parti tal-konvenut sar fuq offerta gratuwita tal-attur u li dan ma sarx bl-intenzjoni li l-attur jithallas tal-istess. Il-Qorti tqis li ma tressqet l-ebda prova sufficjenti fil-ligi la li hija dovuta xi hlas ta' kera, la li huwa dovut xi kumpens u wisq anqas ta' servigi rezi fejn dawn ta' l-ahhar fi kwalunkwe kaz li kieku l-Qorti kellha tiddeciedi fuqhom hija tkun qed tmur *ultra vires* dak mitlub minnha stante li mhux riflessi fit-talbiet attrici.

Illi t-talbiet in kwistjoni jinkludu wkoll pretensjoni ghall-hlas mill-konvenut lill-attur tal-valur ta' 'crash-helmet' mghoddija lill-attur mill-konvenut u li ma gietx ritornata. Il-konvenut jammetti li din qeghdha ghandu u li ma ghandu l-ebda problema li l-attur jiehu lura l-istess 'crash-helmet' u li kien l-attur li naqas milli johodha lura. Il-Qorti fl-ewwel lok ma tistax tifhem fuq liema bazi legali l-attur seta' jinkludi l-pretensjoni tieghu dwar din il-'crash-helmet' f''invoice' relatata mal-kera pretiza minnu u sahansitra jikkalkula l-vat fuqha b'dana li l-valur taghha nbidel mid-dokument a fol. 15 ghad-dokument a fol. 32. Dan xejn ma jimpingi sew fuq il-kredibilita' tal-attur. Fi kwalunwke kaz izda, stante l-ammissjoni da parti tal-konvenut, din il-Qorti sejra fid-decizjoni taghha timponi terminu fuq il-konvenut sabiex jirritorna l-'crash-helmet' in kwistjoni lill-attur u fin-nuqqas tordna li jhallas is-somma ta' mija u erba' Euro (€104) rapprezenanti l-orhos valur tal-istess ikkwotat mill-attur.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li t-tmien, disa' u l-ghaxar eccezzjonijiet tal-konvenut huma gjustifikati u l-pretensjonijiet kontenuti fit-tieni, it-tielet,

ir-raba u l-hames talba attrici ma gewx pruvati mill-attur ghajr ghat-talba relatata mal-'crash-helmet' u *per conseguenza* ser jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur salv l-ordni biex tigi ritornata l-'crash-helmet' u fin-nuqqas jithallas il-valur ta' mija u erba' Euro (€104) mill-konvenut lill- attur.

**Preskrizzjoni:**

Fil-hdax-il eccezzjoni tieghu l-konvenut iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront tal-pretensjoni ta' kera jew kumpens fir-rigward tal-fond 47, Triq San Xmun, Xlendi relattiv ghas-sena 2005. Il-Qorti in vista li cahdet il-pretensjonijiet kollha tal-attur ghar-ragunijiet suesposti relattivi ma' kera jew kumpens allegatament dovut lill-attur mill-konvenut, tqis li jkun superfluwu li tidhol f'analizi ta' din l-eccezzjoni stante li hija ormai sorvolata.

**Hlas ta' bilanc dovut fuq xoghol ta' njam konsenjat lill-konvenut:**

Illi jibqa' sabiex tigi deciza l-ewwel talba tal-attur relattiva ghall-hlas ta' bilanc dovut fuq xoghol ta' njam konsenjat lill-konvenut mill-attur. Fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut apparti eccezzjoni in generali li l-pretensjonijiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, isostni wkoll li l-attur ghandu jiehu kont ukoll ta' pagamenti ohra li sarulu permezz ta' cekkijiet u anki flus kontanti apparti li jridu jitnaqqsu wkoll il-valur tal-vettura Mercedes, tas-safra mhallsa mill-konvenut u x-xoghol ta' 'mechanic' maghmul mill-konvenut. Il-konvenut isostni wkoll li l-ammont pretiz fi kwalunwke kaz huwa esagerat.

Illi mix-xhieda mressqa mill-konvenut fosthom l-istess xhieda tieghu kif ukoll minn kliem ix-xhieda Josephine Formosa u Sonia Cavallaro l-konvenut jaghti x'jifhem li huwa anki qed jikkontesta li x-xoghol li ghamel l-attur ma sarx sew izda quddiem din il-Qorti ma tressqet l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens mill-konvenut. F'mumenti minnhom il-konvenut isosnti wkoll li seta' kien hemm xi ftehim li l-attur jithallas biss tal-materjal u mhux ta' jdejh. Dan huwa kontestat bil-qawwa mill-attur. Il-Qorti izda ma tqisx li tali allegazzjoni giet pruvata b'xi mod mill-konvenut li qed jeccepiha.

Illi in oltre ghalkemm il-konvenut isostni li l-ammont pretiz mill-attur indikat fl-'invoice' a fol. 13 tal-process huwa esagerat, imkien fl-atti ma

gie spjegat mill-konvenut x'inhuma dawk ix-xoghlijiet li skont hu ma kellhomx jigu nkluzi fil-kont tal-attur jew li skont hu huma esagerati anzi fil-mori tal-provi rrizulta li x-xoghlijiet indikati mill-attur fil-fatt saru u gew konsenjati lill-konvenuti ghalkemm mhux kollha f'daqqa izda fuq perjodu ta' xhur. Il-partijiet anki dahlu fid-dettal dwar kif certu xoghol inqala' l-bzonn tieghu fosthom it-tibdil ta' hgieg li nkiser u xoghol ta' gypsum. Jirrizulta izda li l-kontensjoni principali bejn il-partijiet relatata max-xoghol ta' njam maghmul mill-attur hija dwar jekk ghandhomx jitnaqqsu l-pagamenti kollha li l-konvenut isostni li ghamel lill-attur fuq dan ix-xoghol jew inkella is-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) ammessa mill-attur. L-attur isostni li l-bqija tal-pagamenti li saru lilu kienu sabiex ikopru xoghlijiet li ghamlu terzi u li kien qed jiehu hsieb ghan-nom tal-konvenut. Il-konvenut ma jaqbilx u jsostni li dawk ix-xoghlijiet thalsu apparti tramite flus kontanti. Izda fix-xhieda tieghu l-konvenut f'mument minnhom jispjega li meta kienu jkunu ammonti zghar (cioe' dak dovut lil terzi) huwa kien ikollu l-kontanti fuqu u jghaddihom lill-attur izda meta kienu jkunu eluf kien johrog cekk (fol. 68). L-attur isostni wkoll li l-valur tal-vettura, il-vaganza u x-xoghol ta' 'mechanic' kienu ntizi bhala kumpens ghall-kera tal-proprjeta' filwaqt li l-konvenut isostni li dawn ghandhom jitnaqqsu mix-xoghol tal-injam ghaliex hekk kienu ntizi.

Illi dwar il-valur tal-vettura, il-valur tal-vaganza u x-xoghol ta' 'mechanic' din il-Qorti gia ddecidiet aktar 'il fuq f'din is-sentenza li ma tqisx li kien hemm ftehim li jsir hlas ghall-uzu tal-immobbli tal-attur mill-konvenut u ghalhekk dawn il-valuri neccessarjament ghandhom imorru sabiex jaqtghu minn dak dovut mill-konvenut lill-attur ghax-xoghol ta' njam pretiz.

Illi in oltre fir-rigward tac-cekkijiet mghoddija lill-attur, l-attur isostni li dwar ic-cekk datat 16 ta' Jannar, 2006 mhux minnu li dan inghata lilu tant li jsostni li l-firma mihijiex tieghu. Il-Qorti gharblet dan ic-cekk u qabblet il-firem li hemm fuq iz-zewg cekkijiet l-ohra li hemm qbil li ssarrfu mill-attur u sabitha difficli hafna biex tqabbel l-allegat firma tal-attur fuq ic-cekk datat 16 ta' Jannar, 2006 mal-firma tieghu li hija kompletament diversa fuq iz-zewg cekkijiet l-ohra. Il-Qorti nnotat li apparti li lanqas il-kaligrafija ma tidher li taqbel, anki l-firma hija differenti b'mod assolut tant illi fic-cekk tas-16 ta' Jannar, 2006 hemm il-kelma Mario u linja tahtha filwaqt li fic-cekkijiet l-ohra l-firma tikkonsisti fl-isem shih tal-attur. Il-Qorti rat ukoll il-firma tal-attur fl-

affidavit tieghu a fol. 77 tal-process u vverifikat li ghalkemm din tixbah il-firem fuq iz-zewg cekkijiet l-ohra, assolutament ma ghandhiex x'taqsam mal-isem Mario kif mitkub fuq ic-cekk datat 16 ta' Jannar, 2006. Fl-affidavit tieghu a fol. 53 tal-process il-konvenut isostni li dan ic-cekk inhareg a favur ta' Mario Parnis izda da ma jirrizultax li hu minnu ghaliex hareg 'cash' u l-firma fuq wara hija tal-istess konvenut u dan ifisser li ssarraf minnu stess. Ghalkemm jidher li xi hadd kiteb il-kelma 'Mario' fuq il-parti ta' wara din ma tirrizultax li hija l-firma tieghu. Il-Qorti tifhem izda li l-probabbilta' hija li c-cekk inhareg mill-konvenut u ssarraf minnu stess sabiex huwa hallas flus li kien indikalu l-attur li kienu dovuti. Il-Qorti wkoll tinnota izda li c-cekk tas-16 ta' Jannar, 2006 u dak datat 3 ta' Mejju, 2006 inhargu fuq ammonti specifici hafna u cioe' erba' mija u tnejn u hamsin Liri Maltin (Lm 452) u tlett elef, hames mija u disghin Liri Maltin (Lm3,590) u dan huwa ndikazzjoni li dawn hargu sabiex jithallas servizz jew xoghol partikolari u mhux bhala 'depozitu' fuq ix-xoghol ta' njam li kien qed jaghmel l-attur fuq ordni tal-konvenut, dan ghall-kuntrarju tac-cekk bl-ammont ta' €5,000 tondi li jevidenzja u hemm qbil li thallas akkont tax-xoghol tal-injam. Ukoll id-dati tal-ewwel zewg cekkijiet cioe' Jannar 2006 u Mejju 2006 jaqblu ma' dak espost mix-xhieda fosthom Sonia Cavallaro (fol. 162) cioe' li d-dar tal-konvenut twaqqghet wara li fis-Sajf tas-sena 2005 il-konvenut u l-familja tieghu hargu minn hemm u x-xoghlijiet kienu ghaddejjin ezattament tul iz-zmien li nhargu dawn ic-cekkijiet. Il-Qorti tirrileva wkoll li kien l-istess konvenut li ammetta li huwa kien hareg cekkijiet favur l-attur sabiex jithallsu terzi (fol. 68) izda ghajr ghac-cekkijiet hawn fuq imsemmija ma tressqet l-ebda prova ta' xi cekk jew cekkijiet ohra li setghu hargu. Dan aktar jikkonvinci lil din il-Qorti li l-ewwel zewg cekkijiet mahruga fis-sena 2006 kienu ntizi sabiex jithallas servizz specifiku ta' terzi tramite l-attur u mhux bhala depozitu fuq l-ghamara. L-istess jinghad dwar il-flus kontanti li l-konvenut isostni li huwa ghadda lill-attur fuq perjodu ta' zmien. Il-Qorti f'dawn ic-cirkustanzi u wara li rat ix-xhieda kollha relatata tqis li l-versjoni tal-attur li dawn l-ammonti nghataw lilu sabiex jithalsu terzi li hadmu fuq il-proprjeta' tal-konvenut hija l-aktar wahda kredibbli u ghalhekk ma tqisx li dawn l-ammonti ghandhom jitnaqqsu mill-ammont dovut lill-attur ghax-xoghol tal-injam.

In vista ta' dak kollu suespost il-Qorti tqis li l-ammont indikat mill-attur ta' dstax-il elf erba' mija wiehed u hamsin Euro u tnax-il centezmu (€19,451.12) jirrifletti l-valur tax-xoghol ta' njam maghmul minnu fuq

inkarigu tal-konvenut inkluz vat ta' 18%. Minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu c-cekk ghas-somma ta' hamest elef Euro (€5,000), il-valur tal-vettura Mercedes ghas-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro (€3,494), il-valur tal-vjagg ghas-somma ta' elf, mija u erbgha u sittin Euro (€1,164) u valur ta' xoghol ta' 'mechanic' maghmul mill-konvenut ghas-somma ta' elf, tliet mija u hdax-il Euro (€1,311) bir-rizultat ta' dak li ghadu dovut mill-konvenut lill-attur jammonta ghas-somma ta' tmint elef, erba' mija u erbgha u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€8,484.12).

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi finalment din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu;

2. Tichad il-hames eccezzjoni tal-konvenut bhala nfondata;

3. Tiddikjara l-hdax-il eccezzjoni tal-konvenut bhala sorvolata;

4. Tilqa' it-tmien, id-disa' u l-ghaxar eccezzjoni tal-konvenut u tghaddi sabiex tichad it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames talba tal-attur, salv ghall-pretensjonijiet dwar il-'crash-helmet' decizi aktar 'il isfel, bl-ispejjez kollha kontra l-attur;

5. Tilqa' t-tnax-il eccezzjoni tal-konvenut b'mod limitat u timponi terminu ta' xahar sabiex il-konvenut jirritorna l-'crash-helmet' in kwistjoni lill-attur u fin-nuqqas mat-trapass tal-perjodu mpost tordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u erba' euro (€104) rapprezentanti l-valur likwidat tal-istess 'crash-helmet';

6. Tilqa' limitatament l-ewwel, is-sitt u s-seba' eccezzjoni tal-konvenut u tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' tmint elef, erba' mija u tnejn u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€8,482.12) rapprezentanti l-valur likwidat mill-Qorti tal-bilanc li ghadu dovut mill-konvenut lill-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tmint elef, erba' mija u tnejn u tmenin Euro u tnax-il

centezmu (€8,482.12) bl-interessi skont il-ligi b'effett mill-11 ta' Lulju, 2011 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez rimanenti mhux decizi aktar 'il fuq kontra l-konvenut.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur